MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2011

Numru. 475/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Charlie Saliba bin Anthony u Antonia nee' Cauchi imwieled fit-23 ta' Jannar 1970 u residenti gewwa l-fond 73, Vjal il-Labour, Xewkija, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 298688(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi **CHARLIE SALIBA** li gie akkuzat talli nhar is-26 ta' April 2007 ghal habta tas-17:30hrs waqt li kien fl-inhawi tal-Gholja tal-Ghammar limiti tal-Ghasri, Ghawdex u liema zona skond A.L. 79/2006 skeda V numru 22 hi mnizzla bhala Santwarju ta'l-Ghasafar:-

1. ikkacca, wegga’, ha jew ipprova jikkaccja, iwegga jew jiehu xi ghasfur f’Santwarju tal-Ghasafar.
2. kellu fil-pussess tieghu jew fil-kontroll tieghu xi arma tan-nar L.Franchi numru SA61665 u munizzjon jew kull mezz iehor ghal kacca jew ghat-tehid ta’ xi ghasfur fl-imsemmi Santwarju tal-Ghasafar.
3. aktar talli sar recidiv b’sentenza moghtija fit-28 ta’ Gunju 2001 (Imhallef Dr. V. DeGaetano LL.D.) 29.04.2002 (Magt. Dr.A. Micallef Trigona LL.D.) 13.10.2000 (Imhallef Dr.N. Arrigo LL.D.)

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti f’dina l-kawza jidher illi fil-gurnata in kwistjoni l-imputat kien hareg ghal kacca. Ma hemmx dubbju illi meta s-suldati li intercettawh sabuh fid-dura tieghu huwa kien armat ghal kacca, kellu senter u pouch. Hemm kontestazzjoni madanakollu dwar il-fatt jekk l-imputat kienx qieghed jikaccja fil-jum in kwistjoni gewwa is-Santwarju tal-Ghasafar fl-Gholja tal-Ghammar. Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi d-dura ta’l-imputat tinsab mal-periferija tas-Santwarju vicin xi duri ohra ta’ kaccaturi shabu. Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jidher illi is-suldati li kienu ghassa hdejn il-fanal ta’ Gordan, armati bit-trombi, lemhu zewg persuni qeghdin jigru gewwa is-Santwarju. Dawn il-persuni kienu jinstabu kif indikat minnhom fir-ritratti u pjanti esebieti.[1] Illi l-Maggur Caludio Terribile li kien qed isegwi dawn iz-zewg persuni bit-tromba ighid illi wiehed minn dawn il-persuni sparixxa, izda huwa baqa’ isegwi lit-tieni persuna li kienet tidher illi kellha arma tan-nar u kienet qed tigri nizel it-triq li hemm fl-istess Santwarju. Huwa osserva illi dina l-persuna qabbzet ic-cint tar-riserva, u baqa’ sejjer god-dura. Huwa baqa’

[1] Ara Dokumenti F u G

izommu taht osservazzjoni tieghu sakemm wasslu is-suldati hdejh. Dana huwa ikkonfermat ukoll mil-Lance Bumbardier Grech li kien qieghed mal-Maggur Terribile jaghmel dina l-osservazzjoni.

Illi min-naha tieghu l-imputat jinnega illi f’xi hin dahal fis-santwarju u ipproduca xi xhieda, kaccaturi bhalu (fosthom huh stess), li qalu illi l-imputat kien qieghed fil-vicinanzi taghhom meta wasslu is-suldati fuq il-post. Illi l-Qorti minghajr tlaqliq tistqarr illi x-xhieda tal-prosekuzzjoni hija wahda skjetta u preciza li ma thallielha l-ebda dubbju illi l-imputat fil-jum in kwistjoni kien qieghed gewwa s-Santwarju tal-Ghasafar ghal kacca. Ghalkemm ovvjament kemm il-Maggur Terribile kif ukoll il-Lance Bumabrdier Grech ma gharfux il-wicc ta’l-imputat minn dik id-distanza madanakollu huma jikkonfermaw illi fl-ebda moment ma tilfuh mill-vista taghhom sakemm wasslu is-suldati hdejn l-imputat. L-imputat bl-ebda mod ma jista’ jikkontradixxi dina x-xhieda u ighid li ma kienx hu!

Illi dwar l-akkuza tar-recidiva madanakollu d-difiza ghandha ragun. Illi s-sentenzi esebieti kollha jirreferu ghal perijodu ta’ bejn is-sena 2000 u 2001 u inoltre ma fihom l-ebda konnotati ta’l-imputat. Lanqas ma hemm prova ohra dwar l-identita’ ta’l-istess u kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi dwar piena l-Qorti ser taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Azzopardi deciza fil-25 ta’ Lulju 2008:
“Issa, kwantu ghall-piena, ma hemmx dubju li bejn ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni (paragrafu (a) tar-regolament 24) u dak ipotizzat fit-tieni imputazzjoni (paragrafu (c) ta’ l-istess regolament 24) hemm in-ness tal-mezz ghall-fini fis-sens tal-paragrafu (h) tal-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali. Skond is-subregolament (2) tar-regolament 27 ta’ l-imsemmi Avviz Legali, kull persuna li twettaq reat kontra, fost ohrajn, ir-regolament 24 hija suggetta, meta tinstab hatja ghall-ewwel darba, ghall-piena ta’ multa ta’ mhux anqas minn mitt lira (ossia Euro 232.93) izda mhux izjed minn elfejn lira (Euro 4658.74) u l-konfiska tal-*corpus delicti*. Is-subregolament (2) imsemmi

jkompli hekk: “Il-Qorti ghandha wkoll tordna s-sospensjoni ta’ kull licenzja jew permess mahruga taht dawn ir-regolamenti u taht it- Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-periodu ta’ mhux anqas minn sena izda mhux aktar minn tliet snin.”

Illi l-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn aktar ma’ dak mistqarr mill-Qorti ta’l-Appell.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 24(a) u (c) u 27(2) tal-L.S.504.71 u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ahhar akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah multa ta’ €300. Inoltre l-Qorti qed tordna il-konfiska tad-Dokument I (arma tan-nar L.Franchi Serial No. SA61565) favur il-Gvern ta’ Malta. Finalment il-Qorti qieghda tordna is-sospensjoni tal-licenzji kollha tal-kacca li ghandu l-imputat ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------